MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 62/2003

**Avviz numru  62/03DM**

**Darren u Patricia konjugi Grima**

**Vs**

**Dr Giuseppe Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas is-somma mitluba ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta tal-atturi meta fid-29 ta’ Novembru 2002 fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, Sta Margerita, Mosta l-konvenut  li kien qed isuq vettura tal-marka Mazda bin-numru  ta’ registrazzjoni JAT 593, habat fil-vettura tal-marka Isuzu  bin-numru  ta’ registrazzjoni  BAE 309 proprjeta  tal-atturi, li kienet qed tinstaq mill-attrici u li kienet qed tipprosegwi fid-direzzjoni opposta u dan prevja

dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-attrici Patricia Grima;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;
3 Konsegwenza tal-istess incident, l-eccipjent garrab danni li taghhom l-attrici Patricia Grima kienet unikament responsabbli. Ghalhekk l-eccipjent qed jressaq kontrotalba.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn talab illi :

L-atturi jkunu kkundannati minn din il-Qorti sabiex ihallsu lill-konvenut is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) jew ammont verjuri in linea ta' danni ikkagunati mill-attrici Patricia Grima u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Mosta fid-29 ta' Novembru 2002 meta waqt li l-istess Patricia Grima kienet qed issuq il-vettura Nu BAE 309, proprjeta tal-atturi, habtet mal-vettura Nru JAT 593, proprjeta' tal-konvenut u misjuqa minnu liema vettura kienet wieqfa meta sehh l-incident, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-istess incident l-istess attrici Patricia Grima kienet unikament responsabbli, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Jannar 2003 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-atturi bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tal-

presentata ta' din il-kontrotalba kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba tal-konvenut fejn eccipew illi:

It-talbiet ta' Dr Giuseppe Xuereb ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-incident stradali li sehh fid-29 ta' Novembru 2002 mertu tal-kawza odjerna sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Dr Giuseppe Xuereb;
Konsegwentement l-eccipjenti m'ghandhomx ihallsu ebda danni, liema danni se mai u minghajr ebda pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni huma esegerati;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar 2004 fejn il-kontendenti qablu illi l-kontestazzjoni bejniethom tirrigwarda biss ir-responsabilta' u mhumiex qed jikkontestaw il-quantum tad-danni rispettivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi iz-zewg verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa involuti f'din il-kollizzjoni huma konfliggenti.

Infatti l-attrici Patricia Grima tallega illi waqt li hi kienet qed issuq b'velocita' moderata fi Triq il-Fortizza, Mosta, qed issegwi Van, kienet innotat lill-konvenut gej mid-direzzjoni opposta qed izomm lejn in-nofs tat-triq u meta waslet vicin tieghu dan kiser lejn il-lemin minghajr ma waqaf u ma kellhiex cans tevitah.

Minn-naha l-ohra il-konvenut isosstni li huwa kien innota lill-attrici gejja mid-direzzjoni opposta meta kienet digia' il-

boghod tul ta xi hames jew sitt vetturi u kien digia wieqaf qed jistenna biex jaqsam il-karreggjata tal-attrici minhabba Mini Bus li ried johrog mit-triq laterali. Innota li l-attrici Patricia Grima kienet qed izzomm wisq lejn in-nofs tat-triq, din ma ndunatx bih fil-hin u habtet ma' l-vettura stazzjonarja tieghu. Kollox gara f'daqqa.

Billi ma kienx hemm xhiedha okulari il-Qorti trid tezamina ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatti kollha rilevanti biex tara jipprovdux xi indizju favur verzjoni jew ohra.

Ghalkemm kull sewwieq, anke l-'main road user', ghandhu l-obbligu li f'kull hin izomm 'a proper look out' l-oneru ta attenzjoni u esplorazzjoni bir-reqqa huwa ferm ikbar fuq min ikun irid jghamel manuvra li timplika invazjoni ta karreggjata ta traffiku gej mid-direzzjoni opposta u daqs tant huwa ikbar l-oneru ta prova fuq il-konvenut li kien intenzjonat li jaqsam il-karreggjata tat-traffiku provenjenti mid-direzzjoni opposta.

Minn ezami tad-diversi fatti u cirkostanzi jirrizulta illi jezistu ndizji ndikattivi illi l-konvenut m'ottemprax ruhu sew mall-obbligu tieghu illi jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex b'ebda mod ma jostakola l-karregjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta qabel ma jibda' bil-manuvra perikoluza li kienet timplika li jaqsam karregjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

L-ewwel fatt jirrigwarda r-rizultanza, anke accettata minn Mario Buttigieg perit ex parte imqabbad mill-konvenut, li meta grat il-habta il-konvenut kien diga' skorra l-'crown of the road' ossija n-nofs ezatt ta' Triq il-Fortizza u mill-kejl 'to scale' indikat fl-isketch jirrizulta illi, meta saret il-habta, il-konvenut kien invada l-karregata tal-attrici b'metru punt tnejn (1.2mtrs) mill-'crown of  the road'. Dan kien jimplika illi, anke kieku, kif jallega hu stess, il-konvenut kien stazzjonarju, huwa kien ghazel li jieqaf  f'punt illi kien qieghed jostakola l-karregjata tal-attrici biex hallilha spazju ristrett minn fejn setghet tghaddi kif anke jidher fir-ritratti dokument DG1 a. fol. 27 tal-process.

Inoltre jirrizulta wkoll illi l-konvenut ma kienx qed izomm ‘proper look out’ u dana minhabba rrizultanza stabbilita' mill-istess espert ex parte illi, nonostante l-liwja li hemm fit-triq, il-viswali li kellu l-konvenut kienet testendi sa mija u sebghin metru (170 mtr) iktar il-quddiem mill-post tal-habta (vide fol 20 tar-relazzjoni tal-espert ex parte). Dan ghalhekk qed jimplika illi l-konvenut setgha nduna bil-prezenza tal-attirci minn ferm qabel it-tul ta' hames vetturi jew sitt vetturi kif hu ddikjara fid-deposizzjoni tieghu. Dan il-fatt jista' jigi spjegat bil-fatt li l-konvenut kien iktar ikkoncentrat fuq mini bus illi riedet tohrog mit-triq laterali li fiha ried jidhol infatti kien kapaci sahansitra anke jiddikjara illi mal-habta din il-minibus iddecidiet li lanqas tohrog ghal got-triq principali.

Kien ghalhekk obbligu sagrosant tieghu illi, meta anke jara vettura gejja mid-direzzjoni opposta illi qieghda zzom lejn il-crown of the road, huwa kellu anzi d-dmir illi jallontana ruhu mill-crown of the road sabiex anke jevita illi jfixkel is-sewwieqa li kienet qed tuza l-karreggata taghha. Il-konvenut dana ma ghamlux; anzi filwaqt li qieghed jinnota l-attrici qieghda ssuq lejn il-crown of the road minn seba’ (7) vetturi l-boghod huwa ghazel, skond il-verzjoni tieghu, li jieqaf iktar minn metru (1mtr) il-gewwa fil-karreggjata ta’ din l-attrici.

L-anqas ma jirrizulta illi l-attrici kienet sa minn qabel qieghda ssuq vicin daqshekk il-crown of the road peress illi s-sinjali li halliet il-vettura taghha huma ghad-dritt u ndikattivi illi l-vettura kienet qed tinsaq sewwa entro l-karreggata taghha.
Dawn il-fatturi huma bizzejjed sabiex fuqhom wiehed jista’ jibbaza r-responsabbilta’ tal-konvenut. Izda l-Qorti trid tezamina wkoll xi cirkostanzi li jistghu jwasslu wkoll ghal xi kontributorjeta’ da parti tal-attrici Patricia Grima .

Definittivament mill-verzjoni taghha jirrizulta li Patricia Grima ikkonfermat il-vizwali ghat-tul li kellha, infatti ddikjarat li minn zmien ferm qabel il-habta hija kienet indunat bil-konvenut qed javvicina l-post minn fejn hu ried idur u li kien qieghed ukoll javvicina l-“crown of the road”.

Izda jrid jigi ezaminat ukoll jekk, nonostante illi hija setghet innutat il-konvenut minn zmien qabel, kienitx qed issuq b'velocita' eccessiva li allura ma ppermettietiliex hin bizzejjed biex tapprezza sew is-sitwazzjoni ta' emergenza li kien qed johloq il-konvenut.

Mario Buttigieg, l-espert ex parte mqabbad mill-konvenut, ikkonkluda illi jekk wiehed jaccetta l-verzjoni tal-attrici illi l-konvenut ma kienx wieqaf izda kien baqa' miexi f'manuvra wahda biex jaqsam il-karreggjata taghha, l-velocita' tal-attrici kellha tigi stabbilita' bhala wahda ta' hamsa w'sittin (65) kilometru fis-siegha li jeccedu dak konsentit f'dawk l-inhawi ta' hamsin (50) kilometru fis-siegha. Pero' l-espert imsemmi bbaza l-kalkolu tieghu ghax hu assuma illi meta l-attrici allegat li l-konvenut baqa' miexi hija kienet qieghda tallega wkoll illi f'ebda moment ma naqqas il-velocita' tieghu ta' erbghin (40) kilometru fis-siegha li kellu qabel ma wasal biex jaghmel il-manuvra.

Din hija assunzjoni zbaljata peress illi l-attrici sostniet biss illi l-konvenut ma waqafx imma f'ebda hin ma allegat illi huwa ma naqqasx mill-velocita'. Infatti anke c-cirkostanzi kollha u l-fatt illi l-konvenut ried jaghmel dawra ta' disghin (90) grad tindika illi, jekk kien ghadu miexi, l-konvenut kien naqqas sew il-velocita' qabel ma jaghmel tali manuvra.

Evidendentement dawn il-kalkoli huma bbazati mhux biss fuq il-marki ta' 'brakes' li halliet l-attrici izda fuq l-entita'tal-hsara u l-fatturi l-ohra li ha in konsiderazzjoni l-istess espert.

Fost dawn il-fatturi l-istess espert ikkonkluda illi s-sinjali ta' 'brakes' li halliet l-attrici kienu ta' hames (5) metri kif indikat fl-isketch. Pero' effettivament dawn il-marki mhumiex ikkalkolati li jibdew mir-rota ta' wara tal-vettura tal-attrici, izda, billi l-vettura tal-attrici giet spostata minn fuq il-post fejn halliet il-marki, l-marki gew imkejla bhala dawk illi bdew mir-rota ta' quddiem sal-marka li halliet ir-rota ta' wara.

Il-hames (5) metri ghalhekk jinkludu t-tul li jezisti bejn ir-rota ta' quddiem u r-rota ta' wara tal-attrici. Ghalhekk biex wiehed ikun effettivament jista' jikkondludi ezattament kemm halliet marki l-vettura tal-atturi, il-kejl irid jittiehed mir-rota ta' wara tal-vettura tal-attrici u mill-hames(5) metri ghalhekk iridu jitnaqqsu almenu zewg (2) merti li hija d-distanza medja bejn ir-rota ta' quddiem u r-rota ta' wara ta' vettura, biex b'hekk it-tul ta' marki li halliet il-vettura tal-atturi ghandhu jitqies li kien ta' tlett (3) metri biss qabel il-habta.

Dawn iz-zewg fatturi wahedhom huma bizzejjed biex iwasslu ghall-velocita' ferm inferjuri mill-massimu illi kkalkola l-perit ex parte ta' hamsa u sittin (65) kilometru fis-siegha, u li ghalhekk, tenut kont tal-marki mhollija u tal-hsara effettiva li garbu l-vetturi, l-Qorti hija tal-fehma li l-velocita' ta' Patricia Grima kienet inqas sew minn hamsin (50) kilometru fis-siegha konsetiti mill-ligi.

Anke t-tul verament limitat tal-istess marki mhollija mill-vettura tal-attrici huma ndikattivi illi l-attrici kienet sorpriza b'manuvra inaspettata tal-konvenut li ma ppermettitiliex bizzejjed distanza biex hi tiehu azzjoni evasiva.

Ghalhekk ma jirrizulta ppruvat ebda nuqqas da parti tal-attrici Patricia Grima u l-konvenut ghandu ghalhekk jigi tenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad il-kontrotalba tal-konvenut u billi l-kontendenti permezz ta' verbal maghmul fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2004 iddikjaraw li mhux qed jikkontestaw il kwantum tad-danni, il-Qorti qed tillikwida d-danni li sofrew l-atturi fil-kollizjoni in kwistjoni fis-somma ta' tlett elef lira maltin (Lm3000). Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u qed tikkundannah ihallas lill-atturi in linea ta' dan li sofferti minnhom fl-istess kollizjoni s-somma minnhom mitluba ta' tlett elef lira (Lm3000), bl-imghax legali b'effett mid-29 ta' Jannar, 2003

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------